MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Numru. 621/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs.**

**Lee Julian Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ **Lee Julian Cassar** ta’ tmintax (18) il-sena, iben Carmelo Dalli u Anna Cassar, imwieled il-Pieta fil-11 ta’ Settembru 1993, residenti gewwa Flt. 5, Blk. H., Ent. A, Triq Hal Farrug Hal Luqa, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 436393(M) akkuzat talli;

nhar it-28 t'April 2012 ghal habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija (19:45) gewwa Triq Hal Qormi, Hal Luqa, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioé ghamel hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBC 948 tal-ghamla Alfa Romeo ghad-dannu ta' Omar Pisani minn Hal Tarxien liema valur tal-hsara ma jeccedix l-elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (Euro 1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (Euro 116.47);

fl-istess hin, lok u cirkostanza bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Omar Pisani minn Hal Tarxien biza li ser tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;

minghajr ma dorob jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom lil Omar Pisani min Hal Tarxien;

fl-istess hin, lok u cirkostanza ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti;

fl-istess hin, lok u cirkostanza volontarjament kiser il-kwiet u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija meta tidrilha xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Omar Pisani jew sabiex jinzamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifisu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 383 *et seq* tal-Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta' dan il-kaz, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jiddikara li huwa kien qed jobbliga ruhu li bl-ebda mod ma jimmolesta, iddejjaq jew ikellem lil Omar Pisani u lill-familja tieghu u li, fid-dawl ta' din id-

dikjarazzjoni, Omar Pisani iddikjara li kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Semghet ix-xiehda ta’ Omar Pisani fis-seduta tallum fejn huwa ddikjara li ma kellux interess f’dawn il-proceduri u li ma kienx qed jinsisti ghad-danni kagunati fil-vettura tieghu bin-numru ta’ registrazzjoni GBC 948.

**Ikkunsidrat**

Illi, mid-dokumenti ezebiti u mill-provi prodotti, fir-rigward tat-tieni (2), ir-raba’ (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, ma jirrizultax li dawn l-imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet, dawn jirrizultaw pruvati.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat, in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li gew pruvati, ir-rinunzja da parte ta’ Omar Pisani ghal dak li huwa rinunzjabbli u kif ukoll l-obbligazzjoni da parte l-imputat dikjarata mill-istess imputat fis-seduta tal-lum.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputat mit-tieni (2), mir-raba’ (4) u mill-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikoli 325(1)(b) u 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' hames mitt Euro (€ 500) ghal zmien sena millum fil-konfront ta'Omar Pisani.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------